



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.3.2018
COM(2018) 93 final

2018/0042 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward ta' skoperturi fil-forma ta'
bonds koperti**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2018) 50 final} - {SWD(2018) 51 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Kummissjoni llum adottat pakkett ta' miżuri biex tiġi approfondita l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, flimkien mal-Komunikazzjoni "It-Tlestija tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali sal-2019 – wasal il-waqt li jitħaffef it-twettiq". Il-pakkett jinkludi din il-proposta, kif ukoll proposta għal qafas ta' abilitazzjoni tal-UE dwar bonds koperti, proposta biex tkun iffaċilitata d-distribuzzjoni transfruntiera ta' fondi ta' investment, proposta għal qafas ta' abilitazzjoni fuq fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv (crowdfunding) Ewropew (ECSP) għan-negozju, kif ukoll proposta dwar il-liġi applikabbli għall-effetti tal-partijiet terzi ta' assenjazzjonijiet ta' talbiet u Komunikazzjoni dwar il-liġi applikabbli għall-effetti proprjetarji ta' transazzjonijiet f'titoli.

Il-bonds koperti huma obbligati ta' dejn maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu u protetti minn pula iżolata ta' assi assenjati li għalihom detenturi tal-bonds ikollhom rikors dirett bħala kredituri ppreferuti. Fl-istess waqt, id-detenturi ta' bonds iżommu dritt għal kreditu fil-konfront tal-entità emittenti bħala kredituri ordinarji. Dan id-dritt doppju fil-konfront tal-pula ta' kopertura u tal-emittent jissejjaħ il-mekkaniżmu ta' "rikors doppju".

Il-bonds koperti huma maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu u bħala tali huma sors importanti u effiċjenti ta' finanzjament għall-banek Ewropej. Dawn jiffaċilitaw il-finanzjament ta' ipoteke u self lis-settur pubbliku, biex b'hekk isostnu s-self b'mod aktar wiesa'. Vantaġġ sinifikanti ta' bonds koperti meta mqabbla ma' tipi oħra ta' sorsi ta' finanzjament tal-banek bħal titoli abbażi ta' assi huwa l-fatt li l-banek iżommu r-riskju fuq il-karti tal-bilanċ tagħhom u l-investituri jressqu talbiet ta' kreditu direttament mal-bank. Għalhekk, bonds koperti jippermettu lill-banek li jsellfu mhux biss aktar, iżda wkoll b'mod aktar sikur. B'mod partikolari għal dik ir-raġuni, bonds koperti kellhom prestazzjoni tajba matul il-kriżi finanzjarja meta mqabbla ma' strumenti ta' finanzjament oħra. Dawn urew li huma sors stabbli u ta' min wieħed joqgħod fuqu tal-finanzjament tal-banek Ewropej fi żmien meta mezzi oħra ta' finanzjament kienu qed jonqsu.

Qafas ta' abilitazzjoni għal bonds koperti fil-livell tal-UE jista' jtejjeb l-użu tagħhom bħala sors ta' finanzjament stabbli u kosteffikaċi għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, speċjalment fejn is-swieq huma anqas żviluppati, sabiex jgħinu jiffinanzjaw l-ekonomija reali f'konformità mal-objettivi tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU). Il-qafas ta' appoġġ jipprovdi wkoll lill-investituri b'firxa usa' u iktar sikura ta' opportunitajiet ta' investment u jgħin biex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja. L-Istati Membri se jkollhom jittrasponu dawn ir-regoli, filwaqt li jiġi żgurat li l-oqfsa nazzjonali ta' bonds koperti jkunu konformi mar-rekwiżit abbażi tal-prinċipji stabbiliti f'din il-proposta. Il-bonds koperti kollha madwar l-Ewropa se jkollhom jirrispettaw ir-rekwiżiti minimi ta' armonizzazzjoni kif stabbiliti f'din il-proposta.

Il-qafas ta' abilitazzjoni għal bonds koperti jidher fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2018¹. Fl-ittra ta' intenzjoni bħala segwitu għall-iktar diskors riċenti tiegħu tal-Istat tal-Unjoni, il-President tal-Kummissjoni kkonferma li qafas ta' abilitazzjoni għal bonds koperti għandu jitnieda jew jitlesti sa tmiem l-2018 biex jiġi żgurat suq intern iktar profond u ġust².

¹ COM(2017) 650.

² Il-Kummissjoni Ewropea (2017). "L-Istat tal-Unjoni 2017: Ittra ta' Intenzjoni lill-President Antonio Tajani u lill-Prim Ministru Jüri Ratas".

Il-Kummissjoni kkonfermat din l-intenzjoni fir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu dwar il-Pjan ta' Azzjoni tas-CMU ta' Ġunju 2017³.

L-iżvilupp ta' bonds koperti madwar is-suq uniku mhuwiex kullimkien l-istess; dawn huma importanti ħafna f'xi Stati Membri, inqas f'oħrajn. Barra minn hekk, dawn huma indirizzati biss parzjalment fid-dritt tal-Unjoni. Filwaqt li dawn jibbenefikaw minn trattament prudenzjali u regolatorju preferenzjali f'diversi aspetti fid-dawl tar-riskji aktar baxxi (eż. il-banek li jinvestu fihom m'għandhomx iżommu daqstant kapital regolatorju bħal meta jinvestu f'assi oħra), id-dritt tal-Unjoni ma jindirizzax b'mod komprensiv dak li attwalment jikkostitwixxi bond kopert. Pjuttost, it-trattamenti preferenzjali huma mogħtija lil bonds koperti kif definit fid-Direttiva 2009/65/KE⁴. Madankollu, din id-definizzjoni ġiet imfassla għal skop speċifiku — il-limitazzjoni ta' dak li jistgħu jinvestu fih l-impriżi għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) — u mhijiex adatta għall-oġettivi ta' politika usa' tas-CMU.

Qafas leġiżlattiv tal-Unjoni dwar bonds koperti għandu jespandi l-kapaċità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, biex jipprovdu finanzjament għall-ekonomija reali u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' bonds koperti fl-Unjoni kollha, b'mod partikolari fl-Istati Membri fejn bħalissa ma jeżisti l-ebda suq għalihom.

Il-qafas għandu wkoll iżid il-flussi transfruntiera tal-kapital u l-investiment. Għalhekk, dan se jikkontribwixxi għas-CMU u, b'mod partikolari biex tibqa' tiġi stimulata l-kapaċità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jsostnu l-ekonomija usa'. B'mod partikolari, għandu jiżgura li l-banek ikollhom firxa wiesgħa ta' għodod ta' finanzjament sikuri u effiċjenti għad-dispożizzjoni tagħhom.

Il-qafas jikkonsisti f'Direttiva u Regolament – iż-żewġ strumenti għandhom jitqiesu bħala pakkett wieħed.

Dan ir-Regolament propost se jemenda fil-biċċa l-kbira l-Artikolu 129 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR)). L-emendi jibnu fuq it-trattament prudenzjali attwali iżda jżidu r-rekwiżiti ta' sovrakollateralizzazzjoni minima u dwar l-assi ta' sostituzzjoni. Dawn se jsaħħu r-rekwiżiti għal bonds koperti biex jingħataw trattament ta' kapital preferenzjali.

Id-Direttiva proposta se tispeċifika l-elementi prinċipali ta' bonds koperti u tipprovdi definizzjoni komuni bħala punt ta' riferiment konsistenti u dettaljat b'mod suffiċjenti għal skopijiet ta' regolamentazzjoni prudenzjali, applikabbli fis-setturi finanzjarji kollha. Se tistabbilixxi l-karatteristiċi strutturali tal-istrument, superviżjoni pubblika speċifika għall-bonds koperti, regoli li jippermettu l-użu tat-tikketta “Bonds Koperti Ewropej” u l-obbligi ta' pubblikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fil-qasam ta' bonds koperti.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta hija parti mill-ħidma li għaddejja biex jiġi żgurat li l-bonds koperti huma ta' kwalità suffiċjenti biex jiġġustifikaw it-trattament preferenzjali kontinwu tagħhom.

³ COM(2017) 292.

⁴ Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS)(ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

Tibni fuq il-ħidma li għaddejja mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) biex jiġi identifikati l-aħjar Prattiki rigward il-ħruġ ta' bonds koperti⁵. Din il-ħidma hija tweġiba għar-rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) li l-aħjar Prattiki jkunu identifikati u mmonitorjati biex ikun żgurat qafas robust u konsistenti għal bonds koperti fl-Unjoni kollha⁶.

Il-proposta temenda l-leġislazzjoni eżistenti, kif rakkomandat mill-EBA, u tagħmilha kompletament konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' politika fil-qasam tar-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet li jinvestu f' bonds koperti.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Wieħed mill-aktar objettivi importanti tal-Kummissjoni huwa li jiġi stimulat l-investment u l-ħolqien ta' impjiegi. Il-Kummissjoni nediet għadd ta' inizjattivi biex jiġi żgurat li s-sistema finanzjarja tikkontribwixxi b'mod sħiħ f'dak ir-rigward. L-ewwel fost dawn hija s-CMU, li tinvolvi serje ta' inizjattivi biex jiġu liberati fondi għat-tkabbir tal-Ewropa. Bonds koperti għandhom jitqiesu fil-kuntest tas-CMU, hekk kif il-finanzjament bankarju bħalissa huwa bil-bosta l-aktar mezz ta' finanzjament importanti fl-Ewropa u waħda mill-azzjonijiet tas-CMU hi l-ingranaġġ ulterjuri tal-kapaċità bankarja b'appoġġ għall-ekonomija usa'. Il-bonds koperti huma għodda ta' finanzjament effiċjenti u stabbli għall-banek Ewropej. Qafas leġislattiv għall-armonizzazzjoni ta' bonds koperti għandu jiġi kkunsidrat f'dan il-kuntest ta' politika usa'.

Objettiv ieħor importanti tal-Kummissjoni fil-qasam tas-swieq finanzjarji huwa li jiġi żgurat li r-rekwiżiti tal-kapital għal banek jirriflettu r-riskji marbuta mal-assi fil-karti tal-bilanċ tagħhom. Għalhekk, ir-rekwiżiti tas-CRR jiżguraw li bonds koperti mogħtija l-iżjed trattament preferenzjali jkollhom livell uniformi għoli ta' protezzjoni għall-investitur. Madankollu, minħabba li l-liġi tal-Unjoni ma tindirizzax b'mod komprensiv dak li attwalment jikkostitwixxi bond kopert (ara hawn fuq), l-armonizzazzjoni hija meħtieġa biex jiġi żgurat li bonds koperti jkollhom l-istess karatteristiċi strutturali mal-Unjoni kollha li jagħmluhom koerenti mar-rekwiżiti prudenzjali rilevanti. L-armonizzazzjoni ta' bonds koperti hi għalhekk konformi mal-għan tal-Kummissjoni ta' stabbiltà finanzjarja, kif imfittex mir-regolazzjoni tas-swieq finanzjarji tagħha.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-emenda proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-istess bażi ġuridika tal-att li qiegħed jiġi emendat.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Billi l-leġislazzjoni tal-Unjoni tagħti trattament tal-kapital preferenzjali lil bonds koperti, ir-rekwiżiti relatati jridu jiġu emendati fil-livell tal-Unjoni. Barra minn hekk, huwa kkunsidrat meħtieġ li r-rekwiżiti għal trattament tal-kapital preferenzjali jkunu trattati fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat livell konsistenti ta' protezzjoni tal-investituri u kundizzjonijiet ugwali għal istituzzjonijiet ta' kreditu Ewropej.

⁵ *Rapport dwar l-oqfsa ta' bonds koperti tal-UE u t-trattament tal-kapital*, EBA (2014); *Rapport dwar bonds koperti — rakkomandazzjonijiet dwar l-armonizzazzjoni ta' oqfsa ta' bonds koperti fl-UE*, EBA (2016) EBA-Op-2016-23.

⁶ Ir-rakkomandazzjoni tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ESRB/2012/2) (2013/C 119/01).

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tilħaq bilanċ bejn li jiġi żgurat qafas suffiċjentement b'saħħtu għal bonds koperti mogħtija trattament preferenzjali u li tiġi evitata żieda sproporzjonata fil-kostijiet ta' ħruġ. Fit-tfittxija ta' bilanċ ġust, il-Kummissjoni kkunsidrat il-kostijiet kollha assoċjati u l-benefiċċji potenzjali (ara l-valutazzjoni tal-impatt meħmuża). Il-proposta tibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport tal-2016 tal-EBA, iżda tippermetti xi devjazzjonijiet limitati (jiġifieri, xi dispożizzjonijiet huma anqas dettaljati milli previst fir-rapport EBA). Dan sabiex iħalli aktar spazju biex jiġu mħarsa s-sistemi nazzjonali eżistenti li jiffunzjonaw tajjeb kif issuġġerit b'mod qawwi mill-partijiet interessati matul il-konsultazzjoni u jirrinforza l-proporzjonalità tal-proposta. Id-devjazzjonijiet ma jinvolvox karatteristiċi strutturali ewlenin ta' bonds koperti u s-superviżjoni tagħhom.

Il-proposta tinkludi dispożizzjonijiet dwar l-anteprevidenza ta' bonds koperti eżistenti sabiex jitnaqqsu l-kostijiet għall-emittenti tagħhom u għas-swieq. Hekk kif il-valutazzjoni tal-impatt turi, il-kostijiet mistennija jistgħu jitqiesu proporzjonati f'rabta mal-benefiċċji mistennija.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament huwa l-istrument xieraq, peress li d-dispożizzjonijiet jieħdu post daww il-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar l-eliġibbiltà tal-bonds koperti għal trattament tal-kapital preferenzjali. Dan jilħaq l-istess effett legali dirett bħar-Regolament attwali, filwaqt li jiżgura li l-oġettivi tal-proposta jintlaħqu b'mod konsistenti fl-Unjoni kollha u li jikkontribwixxu għal aktar ċertezza u kundizzjonijiet ekwi għall-emittenti u l-investituri.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Din l-inizjattiva dwar bonds koperti tirrigwarda qasam, li fil-biċċa l-kbira attwalment mhuwiex indirizzat minn leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni kkonsultat mal-partijiet interessati f'diversi punti fit-tħejjija ta' din il-proposta, b'mod partikolari permezz ta':

- i) konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar bonds koperti (Settembru 2015 sas-6 ta' Jannar 2016);
- ii) pubblikazzjoni tal-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu (id-9 ta' Ġunju 2017);
- iii) żewġ laqgħat tal-Grupp ta' Esperti dwar is-Settur Bankarju, il-Pagamenti u l-Assigurazzjoni (EGBPI) u laqgħa waħda tal-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji (KSF).

Skont il-pjan ta' azzjoni tas-CMU, l-għan tal-konsultazzjoni pubblika kien li tevalwa d-dgħufijiet u l-vulnerabilitajiet fi swieq nazzjonali tal-bonds koperti u li jiġu evalwati l-merti ta' qafas Ewropew. Filwaqt li daww li wiegħbu kienu mħassba li l-armonizzazzjoni bbażata fuq approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd" jista' jfixxkel lis-swieq li jiffunzjonaw tajjeb u jnaqqas il-flessibbiltà u l-firxa ta' prodotti offruti, huma esprimew ukoll appoġġ kawt għal azzjoni tal-UE mmirata, sakemm l-armonizzazzjoni tkun ibbażata fuq prinċipji, tibni fuq oqfsa eżistenti u

tqis l-ispeċifitàjiet tas-swieq nazzjonali. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni ġew diskussi waqt seduta pubblika fl-1 ta' Frar 2016⁷.

Il-Kummissjoni rċeviet erba' tweġibiet dwar il-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu, li kollha kemm huma appoġġaw l-inizjattiva leġislattiva tal-UE. Dawk li wiegħu indirizzaw aspetti speċifiċi ta' oqfsa nazzjonali (eż. likwidità) u kkonfermaw il-fehma ġenerali favur l-armonizzazzjoni filwaqt li ma jġugx ipperikolati sistemi nazzjonali li jiffunzjonaw tajjeb.

Fl-ewwel laqgħa tal-EGBPI (id-9 ta' Ġunju 2017), il-maġġoranza tal-Istati Membri esprimew appoġġ għal qafas tal-Unjoni ta' bonds koperti bbażat fuq il-parir tal-2016 tal-EBA, dment li jibqa' bbażat fuq prinċipji. Fit-tieni laqgħa (it-28 ta' Settembru 2017), id-diskussjoni kienet iktar dettaljata, iżda b'mod ġenerali l-Istati Membri għadhom jappoġġaw l-approċċ ibbażat fuq prinċipji. L-Istati Membri esprimew opinjonijiet simili fil-laqgħa tal-FSC f'Lulju 2017.

Il-proposta tibni wkoll fuq aktar laqgħat mal-partijiet ikkonċernati u l-istituzzjonijiet tal-UE. B'mod ġenerali (għalkemm b'tendenza li jkun hemm fokus fuq l-aspett l-aktar rilevanti għas-sitwazzjoni tagħhom), il-partijiet ikkonċernati ffukaw fuq l-ibbilanċjar tal-ħtieġa li jinbidel il-qafas eżistenti sabiex jiġi indirizzat it-tħassib prudenzjali bix-xewqa li jiġi evitat it-tfixkil lil sistemi nazzjonali li jiffunzjonaw tajjeb. Input li jiffoka fuq tħassib prudenzjali dwar it-trattament preferenzjali ta' bonds koperti ġie prinċipalment mill-BERS, l-EBA u l-Bank Ċentrali Ewropew, u sa ċertu punt mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri bi swieq ta' bonds koperti żviluppati sew u minn aġenziji ta' klassifikazzjoni, filwaqt li l-fokus fuq is-swieq nazzjonali li jiffunzjonaw tajjeb ġie prinċipalment minn Stati Membri bi swieq ta' bonds koperti żviluppati sew, minn emittenti u minn investituri.

Il-Parlament Ewropew esprima wkoll l-appoġġ tiegħu għal azzjoni, u appella għal qafas leġislattiv Ewropew dwar il-bonds koperti⁸.

• **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

Fl-1 ta' Lulju 2014, l-EBA ħarġet rapport li jidentifika l-aħjar prattiki bil-ħsieb li jiġu żgurati oqfsa b'saħħithom u konsistenti għal bonds koperti fl-Unjoni kollha⁹. Ir-rapport kien bi tweġiba għal rakkomandazzjoni tal-BERS ta' Diċembru 2012 dwar il-finanzjament tal-istituzzjonijiet tal-kreditu¹⁰. Barra minn hekk stabbilixxa l-opinjoni tal-EBA dwar l-adegwatezza tat-trattament prudenzjali attwali ta' bonds koperti, wara s-sejħa tal-Kummissjoni għal parir f'Diċembru 2013 fuq il-bażi tal-Artikolu 503 tas-CRR¹¹.

Bħala segwitu, il-BERS irrakkomanda li l-EBA timmonitorja l-funzjonament ta' bonds koperti fis-suq b'referenza għall-aħjar prattiki identifikati minnha u appella quddiem l-EBA biex tirrakkomanda azzjoni ulterjuri jekk meħtieġ.

Bħala tweġiba, l-EBA ħarġet *Rapport dwar bonds koperti — rakkomandazzjonijiet dwar l-armonizzazzjoni ta' oqfsa ta' bonds koperti fl-UE*, f'Diċembru 2016. Dan jinkludi analiżi komprensiva ta' żviluppi regolatorji f'oqfsa ta' bonds koperti fi Stati Membri individwali,

⁷ Ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika jinsabu fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/finance/consultations/2015/covered-bonds/index_en.htm

⁸ Ir-Riżoluzzjoni tal-4 ta' Lulju 2017 dwar ir-rapport *Lejn qafas pan-Ewropew ta' bonds koperti* (2017/2005(INI)).

⁹ *Rapport dwar l-oqfsa ta' bonds koperti tal-UE u t-trattament tal-kapital*, EBA (2014).

¹⁰ Ir-rakkomandazzjoni tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ESRB/2012/2) (2013/C 119/01).

¹¹ Sejħa lill-EBA għal parir dwar rekwiżiti kapitali għal bonds koperti, ref. Ares (2013) 3780921 (20.12.2013).

b'fokus partikolari fuq il-livell ta' alinjament mal-aħjar prattiki identifikati fir-rapport preċedenti. Filwaqt li tibni fuq ir-riżultati tal-analiżi, l-EBA talbet li tittieħed azzjoni leġiżlattiva biex tarmonizza bonds koperti fil-livell tal-Unjoni.

Din il-proposta tibni fuq l-analiżi u l-pariri tal-EBA. Din tiddevja biss f'oqsma minuri, pereżempju fir-rigward tal-livell ta' dettall dwar derivattivi li jappartjenu għall-pula ta' kopertura; fil-pula ta' kopertura mhux obbligatorju; u, fil-livell ta' sovrakollateralizzazzjoni.

F'Awwissu 2016, il-Kummissjoni kkummissjonat studju minn ICF¹² biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni attwali tas-swieq tal-bonds koperti u l-kostijiet u l-benefiċċji ta' azzjoni potenzjali tal-UE. Dan l-istudju, li ġie ppubblikat f'Mejju 2017, ta' ħarsa lejn il-benefiċċji u l-kostijiet potenzjali tar-rakkomandazzjonijiet tal-EBA. B'mod ġenerali, huwa konkluż li l-benefiċċji potenzjali ta' inizjattiva leġiżlattiva huma bil-bosta akbar mill-kostijiet potenzjali u għalhekk kien hemm każ għal azzjoni leġiżlattiva.

F'Diċembru 2017, il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS) iffinalizza r-riformi regolatorji pendenti ta' wara l-kriżi tal-qafas regolatorju internazzjonali Basel III għall-banek¹³. Bħala parti mir-riformi, il-BCBS irreveda l-approċċ standardizzat għar-riskju tal-kreditu billi inkluda, *inter alia*, standards ġodda fuq skoperturi għal bonds koperti. Għall-ewwel darba, l-istandards il-ġodda jirreplikaw fil-biċċa l-kbira fuq livell internazzjonali l-approċċ tal-UE fis-CRR, li jippermetti skoperturi ta' bonds koperti li jibbenefikaw minn piżijiet iżgħar tar-riskju, suġġett għal ċerti kundizzjonijiet. Għaldaqstant, qed jiġi rikonoxxut li t-trattament tal-UE ta' bonds koperti huwa prudenzjalment vijabbli u ġġustifikat mill-karatteristiċi sottostanti tal-istrument.

• **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta hija akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt, li ġiet ippreżentata lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB) fis-6 ta' Ottubru 2017 u approvata fis-17 ta' Novembru 2017¹⁴.

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB) faħħar in-natura komprensiva u strutturata sew tal-valutazzjoni tal-impatt u rrikonoxxa li din tapplika l-loġika ta' intervent tiegħu b'mod sistematiku u fiha livell għoli ta' kwantifikazzjoni sabiex tissostanzja s-sejbiet tagħha. L-RSB irrakkomanda li r-rapport jiġi mtejjeb f'xi aspetti limitati:

- a) ir-raġunijiet għalfejn id-"29 reġim" jiġi kkunsidrat bħala mhux attraenti; u
- b) aktar ċarezza dwar l-elementi ewlenin ta' approċċ ta' "armonizzazzjoni minima", u jekk (u kif) dawn jiddevjaw mill-parir tal-EBA (l-Anness 6 ġie miżjud għal dan il-għan).

Il-valutazzjoni tal-impatt ġiet emendata kif xieraq, li tindirizza wkoll suġġerimenti addizzjonali tal-RSB:

- i) spjegazzjoni aktar dettaljata dwar in-nota garantita Ewropea (ESN);
- ii) raġunament aktar dettaljat tal-vantaġġi mill-ħruġ ta' bonds koperti;
- iii) analiżi aktar fil-fond tal-impatt tal-armonizzazzjoni regolatorja fuq il-kummerċ transfruntier (il-ħruġ, investiment) f'bonds koperti;

¹² Bonds koperti fl-Unjoni Ewropea: armonizzazzjoni tal-oqfsa ġuridiċi u l-imġiba tas-swieq, ICF (2017).

¹³ Basel III: l-iffinalizzar tar-riformi ta' wara l-kriżi, il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (7.12.2017).

¹⁴ SWD(2018) 51 u SWD(2018) 50

- iv) opzjoni li ġiet skartata ristretta għall-aġġustament tat-trattament prudenzjali ta' bonds koperti;
- v) spjegazzjoni aktar komprensiva tal-“pass-through effect” (ir-reazzjoni tal-prezzijiet għal bidliet fir-rati tal-kambju) evalwat fil-letteratura finanzjarja; u
- vi) tabella li turi r-rabtiet bejn l-attività ta' monitoraġġ u l-benefiċċji ta' punt ta' riferiment.

Il-Kummissjoni qieset għadd ta' opzjonijiet ta' politika għall-iżvilupp ta' swieq ta' bonds koperti u għall-indirizzar tat-tħassib prudenzjali. Dawn huma differenti f'termini tal-livell ta' armonizzazzjoni, li jvarjaw minn opzjoni mhux regolatorja għal opzjonijiet li jinvolvu armonizzazzjoni sħiħa, kif ġej:

- Xenarju bażi: Ma għandu jsir xejn;
- opzjoni 1: Opzjoni mhux regolatorja;
- opzjoni 2: Armonizzazzjoni minima bbażata fuq ir-reġimi nazzjonali;
- opzjoni 3: Armonizzazzjoni sħiħa li tiegħu post ir-reġimi nazzjonali; u
- opzjoni 4: “id-29 reġim” li jopera flimkien ma' reġimi nazzjonali.

L-opzjoni 1 (mhux regolatorja) kienet ikkunsidrata ineffettiva fil-kisba tal-oġġettivi, peress li m'hemm l-ebda garanzija li l-Istati Membri jsegu l-aħjar prattiki. L-opzjoni 3 (armonizzazzjoni sħiħa) x'aktarx tissodisfa l-oġġettivi, iżda probabbilment tista' tgarbat swieq li jiffunzjonaw tajjeb. L-opzjoni 4 (“id-29 reġim” tfisser reġim kompletament integrat għall-emittenti fuq bażi volontarja bħala alternattiva għal-liġijiet nazzjonali dwar bonds koperti, li ma jeħtieġx emendi għal-liġijiet nazzjonali eżistenti) tiddependi fuq l-adozzjoni mill-industrija biex tkun effettiva. Il-konsultazzjonijiet juru li tali adoxxjoni hi improbabbli; dan jimmina l-possibbiltajiet li jinkisbu l-oġġettivi ddikjarati. Barra minn hekk, ir-reġim parallel jikkontribwixxi għal aktar frammentazzjoni u duplikazzjoni tal-kostijiet.

L-opzjoni li nżammet hija l-opzjoni 2 (armonizzazzjoni minima bbażata fuq ir-reġimi nazzjonali). L-opzjoni li nżammet tikseb il-biċċa l-kbira tal-oġġettivi tal-inizjattiva b'kost raġonevoli. Tibbilanċja wkoll il-flessibbiltà meħtieġa biex takkomoda l-ispeċifikitajiet tal-Istati Membri bl-uniformità neċessarja għall-koerenza fil-livell tal-Unjoni. X'aktarx li tkun l-aktar effettiva biex jintlaħqu l-oġġettivi mixtieqa, filwaqt li fl-istess ħin hija effiċjenti u timminimizza d-disturbi u l-kostijiet ta' tranżizzjoni. Hija wkoll waħda mill-opzjonijiet l-aktar ambizzjużi f'termini regolatorji, filwaqt li tgawdi mill-aktar appoġġ mill-partijiet interessati.

L-implimentazzjoni ta' din l-opzjoni tista' tistimula l-iżvilupp ta' swieq ta' bonds koperti fejn dawn ma jeżistux jew huma sottożviluppati. Din se tnaqqas ukoll il-kostijiet ta' finanzjament tal-emittenti, tgħin biex tiġi ddiversifikata l-bażi tal-investituri, tiffaċilita l-investimenti transfruntieri u tattira investituri mhux tal-UE. B'mod ġenerali, dan għandu jnaqqas il-kostijiet tas-self.

Din l-opzjoni tindirizza tħassib prudenzjali, inkluż f'dak li għandu x'jaqsam mal-innovazzjoni tas-suq, u tassigura l-benefiċċju prudenzjali tal-allinjament tal-karatteristiċi strutturali tal-prodott mat-trattament prudenzjali preferenzjali fil-livell tal-Unjoni. Din isaħħaħ il-ħarsien tal-investituri u l-karatteristiċi ta' titjib tal-kreditu tiegħu jnaqqsu l-kostijiet tagħhom ta' diliġenza dovuta.

Kostijiet amministrattivi diretti ta' darba u rikorrenti taħt l-opzjoni ppreferuta huma mistennija li jiżdiedu għall-emittenti f'ġuriżdizzjonijiet b'rati baxxi (ara l-evalwazzjoni tal-impatt). Il-kostijiet se jiżdiedu wkoll għas-superviżuri. Fl-istess ħin, l-emittenti se jibbenefikaw minn inqas kostijiet ta' finanzjament u b'hekk iċ-ċittadini jkollhom inqas kostijiet ta' self. Il-kostijiet ma jiżdidux għall-investituri, minħabba l-kostijiet ta' diliġenza dovuta.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-pakkett dwar bonds koperti, b'mod partikolari d-Direttiva li takkumpanja din il-proposta, għandu l-għan li jarmonizza qasam li attwalment huwa rregolat prinċipalment fil-livell nazzjonali. L-armonizzazzjoni minima tad-Direttiva se ggħib simplifikazzjoni f'termini ta' allinjament bażiku tal-elementi ewlenin tar-reġimi nazzjonali.

- **Drittijiet fundamentali**

L-UE hija impenjata għal standards għolja ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. F'dan il-kuntest, il-proposta aktarx li mhux ser ikollha impatt dirett fuq dawn id-drittijiet, kif innizzla fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta mhi se jkollha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-proposta ta' akkumpanjament għal Direttiva ġdida għal bonds koperti tinkludi pjan ġenerali għall-monitoraġġ tal-iżviluppi tas-swieq tal-bonds koperti, li jirrikjedi li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni tad-Direttiva f'kooperazzjoni mill-qrib mal-EBA u mill-inqas ħames snin wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni, u biex tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar is-sejbiet ewlenin tagħha.

L-evalwazzjoni għandha ssir skont il-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar. Ir-rapport għandu jkopri wkoll il-ħruġ ta' bonds koperti f'konformità mal-Artikolu 129 CRR, l-iżviluppi fir-rigward ta' assi li jikkollateralizzaw il-ħruġ ta' bonds, u l-livell ta' sovrakollateralizzazzjoni.

L-ebda pjan speċifiku ta' implimentazzjoni jew arranġament speċifiku ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar mhuwa maħsub għal din il-proposta.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Li temenda l-Artikolu 129 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

L-Artikolu 129 huwa emendat sabiex jintroduċi rekwiżiti ġodda dwar sovrakollateralizzazzjoni minima u assi ta' sostituzzjoni. Id-dispożizzjonijiet preċedenti li jirregolaw it-trasparenza ġew trasferiti lejn il-parti tad-Direttiva l-ġdida li tiddefinixxi l-karatteristiċi strutturali ta' bonds koperti.

L-Artikolu 129(1)(d)(ii) u (f)(ii) jippermetti bonds koperti li jkunu kollateralizzati minn unitajiet superjuri maħruġa mill-Fonds Communs de Titrisation Françāi jew entitajiet

ekwivalenti regolati mil-liġijiet ta' Stat Membru li jittitolizzaw skoperturi fuq proprjetà residenzjali jew kummerċjali taħt ċerti kundizzjonijiet, inkluża d-dispożizzjoni li dawn l-unitajiet ma jaqbżux l-10 % tal-ammont nominali tal-ħruġ pendenti. Din il-possibbiltà hi mħassra, billi huma ftit l-oqfsa nazzjonali ta' bonds koperti li jippermettu l-inklużjoni ta' titoli ggarantiti b'ipoteke residenzjali jew kummerċjali. L-użu ta' dawn l-istrutturi qed jonqos u huwa meqjus li jżidu l-kumplessità bla bżonn għall-programm ta' bonds koperti.

Id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Artikolu 129 huma miżmuma.

Sovrakollateralizzazzjoni

L-emendi proposti jintroduċu rekwiżit ġdid dwar livell minimu ta' sovrakollateralizzazzjoni (livell ta' kollateral li jaqbeż ir-rekwiżiti ta' kopertura). Dan il-livell huwa ffissat għal 2 u 5 %, skont l-assi fil-pula ta' kopertura, abbażi ta' metodu ta' kalkolu nominali. Dan il-livell huwa konformi mal-parir tal-EBA u mar-riżultati tal-istudju tal-ICF. Filwaqt li huwa aktar baxx mill-istandards il-ġodda ta' Basel, se jagħmel il-prodott aktar sikur u jgħolli l-livell għall-maġġoranza tal-Istati Membri fejn il-livell minimu meħtieġ attwalment huwa aktar baxx.

It-tħassir tal-Artikolu 496 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

L-Artikolu 496 jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti biex jirrinunzjaw il-limitu ta' 10 % imsemmi fl-Artikolu 129(1)(d)(ii) u (f)(ii) għal ċerti bonds koperti.

Hekk kif l-Artikolu 129(1)(d)(ii) u (f)(ii) huwa mħassar, il-possibbiltà ta' deroga minn dak il-limitu mhix meħtieġa. L-Artikolu 496 huwa għalhekk imħassar.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward ta' skoperturi fil-forma ta' bonds koperti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni³,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-Artikolu 129 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ jagħti, taħt ċerti kundizzjonijiet, trattament preferenzjali għal bonds koperti. Id-Direttiva (UE) 20xx/xx [OP: Jekk jogħġbok daħħal ir-referenza għad-Direttiva (UE) 20xx/xx dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti u li temenda d-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2014/59/UE] li tispeċifika l-elementi ewlenin ta' bonds koperti u ttipprovdi għal definizzjoni komuni ta' bonds koperti.
- (2) Fl-20 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni ħarġet sejħa għal parir għall-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) rigward l-adegwatezza tal-piż tar-riskju stabbilit fl-Artikolu 129 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Skont l-opinjoni tal-EBA,⁵ it-trattament tal-piż tar-riskju preferenzjali stabbilit fl-Artikolu 129 ta' dak ir-Regolament huwa, fi prinċipju, trattament prudenzjali xieraq. Madankollu, l-EBA rrakkomandat li aktar konsiderazzjoni għandha tingħata għall-opportunità li r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà kif stabbiliti bl-Artikolu 129 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ikunu kkumplimentati biex ikopru, bħala minimu, l-oqsma ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' likwidità,

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

³ ĠU C , , p. .

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

⁵ L-opinjoni tal-Awtorità Bankarja Ewropea dwar it-trattament tal-kapital preferenzjali ta' bonds koperti, EBA/Op/2014/04.

sovrakollateralizzazzjoni, ir-rwol tal-awtorità kompetenti, u aktar elaborazzjoni ta' rekwiżiti eżistenti dwar id-divulgazzjoni lill-investituri⁶.

- (3) Fid-dawl tal-opinjoni tal-EBA, huwa xieraq li r-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiġi emendat biż-żieda ta' rekwiżiti addizzjonali għal bonds koperti, u b'hekk tissaħħa l-kwalità ta' bonds koperti li huma eliġibbli għal trattament ta' kapital favorevoli kif stabbilit fl-Artikolu 129 ta' dak ir-Regolament.
- (4) Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 129(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu parzjalment jirrinunzjaw l-applikazzjoni tar-rekwiżit ta' skoperturi li jikkwalifikaw għal skala 1 tal-kwalità tal-kreditu, stabbilit fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 129(1), u jippermetti skopertura li jikkwalifika għal skala 2 tal-kwalità tal-kreditu sa massimu ta' 10 % tal-iskopertura totali tal-ammont nominali ta' bonds koperti pendenti tal-istituzzjoni emittenti. Tali rinunzja parzjali bħal din madankollu tapplika biss wara konsultazzjoni mal-EBA u biss sakemm il-problemi potenzjali sinifikanti tal-konċentrazzjoni fl-Istati Membri konċernati jistgħu jiġu ddokumentati bħala riżultat tal-applikazzjoni tar-rekwiżit tal-iskala 1 tal-kwalità tal-kreditu. Hekk kif ir-rekwiżiti għal skoperturi li jikkwalifikaw għall-iskala 1 tal-kwalità tal-kreditu kif magħmula disponibbli minn Istituzzjonijiet Esterni tal-Valutazzjoni tal-Kreditu saru dejjem aktar diffiċli biex jikkonformaw fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kemm ġewwa kif ukoll barra miż-żona tal-euro, l-applikazzjoni ta' din ir-rinunzja ġiet ikkunsidrata meħtieġa minn daww l-Istati Membri li jospitaw l-ikbar swieq tal-bonds koperti. Biex jiġi simplifikat l-użu ta' skoperturi għal istituzzjonijiet ta' kreditu bħala kollateral għal bonds koperti u sabiex tiġi indirizzata din id-diffikultà, huwa meħtieġ li jiġi emendat l-Artikolu 129(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Minflok possibbiltà għall-awtoritajiet kompetenti biex jirrinunzjaw għar-rekwiżiti, huwa xieraq it-twaqqif ta' regola li tippermetti skoperturi lil istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkwalifikaw għall-iskala 2 tal-kwalità tal-kreditu sa massimu ta' 10 % tal-iskopertura totali tal-ammont nominali tal-bonds koperti pendenti tal-istituzzjoni li toħroġ u mingħajr hteġa li tiġi konsultata l-EBA.
- (5) F'konformità mal-punti (d)(ii) u (f)(ii) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 129(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, self iggarantit permezz ta' unitajiet superjuri maħruġa mill-*Fonds Communs de Titrisation* Franċiżi jew entitajiet ekwivalenti ta' titolizzazzjoni li jiggarantixxu skoperturi fuq proprjetà residenzjali jew kummerċjali huma assi eliġibbli li jistgħu jintużaw bħala kollateral għall-bonds koperti sa massimu ta' 10 % tal-ammont nominali tal-ħruġ pendenti ta' bonds koperti (iktar 'il quddiem il-“limitu ta' 10 %”). Madankollu, l-Artikolu 496 ta' dak ir-Regolament jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti biex jirrinunzjaw il-limitu ta' 10 %. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 503(4) tal-istess Regolament jeħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza l-adegwatezza tad-deroga li tippermetti lil awtoritajiet kompetenti biex jirrinunzjaw il-limitu ta' 10 %. Fit-22 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni talbet lill-EBA biex tagħti opinjoni f'dan ir-rigward. Fl-1 ta' Lulju 2014, l-EBA sostniet li l-użu ta' unitajiet superjuri maħruġa mill-*Fonds Communs de Titrisation* Franċiżi jew entitajiet ekwivalenti ta' titolizzazzjoni li jiggarantixxu bħala kollateral skoperturi ta' proprjetà residenzjali jew kummerċjali jista' jikkawża tħassib prudenzjali minħabba struttura ta' saff doppju ta' programm ta' bonds koperti ggarantit minn unitajiet ta' titolizzazzjoni u b'hekk jista' jwassal għal nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tal-kwalità tal-kreditu tal-pula ta' kopertura. Konsegwentement, l-EBA rrakkomandat li d-deroga għal-limitu ta' 10 % għal unitajiet superjuri ta' titolizzazzjoni li attwalment hija stipulata fl-

⁶

Rakkomandazzjonijiet EU COM 1-A sa 1-D stabbiliti fl-Opinjoni EBA/Op/2014/04.

Artikolu 496 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandha titneħħa wara l-31 ta' Diċembru 2017⁷.

- (6) Huma f'tit l-oqfsa nazzjonali ta' bonds koperti li jippermettu l-inklużjoni ta' titoli ggarantiti b'ipoteke residenzjali jew kummerċjali. L-użu ta' tali strutturi qed jonqos u huwa meqjus li jżidu l-kumplessità bla bżonn għall-programm ta' bonds koperti. Għalhekk huwa xieraq li jiġi eliminat għalkollox l-użu ta' tali strutturi bħala assi eliġibbli. Għalhekk il-punti (d)(ii) u (f)(ii) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 129(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif ukoll l-Artikolu 496 ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li jitħassru.
- (7) L-istrutturi ta' bonds koperti ppuljati f'intragrupp li jikkonformaw mar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ġew użati wkoll bħala kollateral eliġibbli skont il-punti (d)(ii) u (f)(ii) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 129(1) ta' dak ir-Regolament. L-istrutturi ta' bonds koperti ppuljati f'intragrupp ma jgħallqux riskji addizzjonali minn perspettiva prudenzjali għaliex huma ma jgħallqux l-istess kwistjonijiet ta' kumplessità bħall-użu ta' self iggarantit permezz ta' unitajiet superjuri maħruġa mill-*Fonds Communs de Titrisation* Franċiżi jew entitajiet ekwivalenti ta' titolizzazzjoni li jggarantixxu skoperturi ta' proprjetà residenzjali jew kummerċjali. Skont l-EBA, kollateralizzazzjoni ta' bonds koperti minn strutturi ta' bonds koperti ppuljati għandha tkun permessa mingħajr limiti għall-ammont ta' bonds koperti pendenti tal-istituzzjoni ta' kreditu emittenti⁸. Għaldaqstant, il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 129(1) jenħtieġ li jiġi emendat biex ineħħi r-rekwiżit ta' applikazzjoni tal-limitu ta' 15 % jew 10 % fir-rigward ta' skoperturi għal istituzzjonijiet ta' kreditu tal-istrutturi ta' bonds koperti ppuljati f'intragrupp. Dawn l-istrutturi ta' bonds koperti ppuljati f'intragrupp huma regolati mill-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 20./.... [OP: Jekk jogħġbok daħħal referenza għad-Direttiva (UE) dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika tal-bonds koperti u li temenda d-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2014/59/UE].
- (8) L-Artikolu 129(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jeħtieġ li l-prinċipji ta' valutazzjoni ta' proprjetà immobbli li tikkollateralizza bonds koperti, stabbiliti fl-Artikolu 229(1) ta' dak ir-Regolament, ikunu applikati għal bonds koperti sabiex daww il-bonds jissodisfaw ir-rekwiżiti għal trattament preferenzjali. Ir-rekwiżiti dwar l-eliġibbiltà tal-assi li jservu bħala kollateral għall-bonds koperti jirrigwardaw il-karatteristiċi ta' kwalità ġenerali li jiżguraw ir-robustezza tal-pula ta' kopertura u għalhekk jenħtieġ li jkunu suġġetti għad-Direttiva (UE) 20./.... [OP: Jekk jogħġbok daħħal referenza għad-Direttiva (UE) dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika tal-bonds koperti u li temenda d-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2014/59/UE]. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet dwar metodoloġija ta' valutazzjoni jenħtieġ ukoll li jkunu suġġetti għal dik id-Direttiva. L-istandards tekniċi regolatorji ddelegati mill-Artikolu 124(4)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għalhekk jenħtieġ li ma japplikawx fir-rigward tal-kriterji ta' eliġibbiltà għal bonds koperti kif stabbiliti fl-Artikolu 129 ta' dak ir-Regolament. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi emendat l-Artikolu 129(3) ta' dak ir-Regolament għal dak il-għan.
- (9) Il-Limiti għall-Proporzjon bejn is-Self u l-Valur ("LTV") huma parti neċessarja li jiżguraw il-kwalità ta' kreditu tal-bonds koperti. L-Artikolu 129(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jistabbilixxi li l-limiti LTV tas-self għal ipoteke u l-assi tal-bastimenti iżda ma jspesifikax kif daww il-limiti għandhom jiġu applikati u dan jista'

⁷ Ir-Rakkomandazzjoni EU COM 2 stabbilita fl-Opinjoni EBA/Op/2014/04.

⁸ *Ibid.*

jwassal għal inċertezza. Il-limiti LTV jenħtieġ li jiġu applikati bħala limiti ta' kopertura ratba, jiġifieri li filwaqt li ma hemm l-ebda limitu fuq id-daqs ta' self sottostanti, self bħal dan jista' jaġixxi biss bħala kollateral fi ħdan limiti LTV imposti fuq l-assi. Il-limiti LTV jiddeterminaw il-porzjon tal-persentaġġ tas-self li jikkontribwixxi għar-rekwiżit ta' kopertura tal-obbligazzjonijiet. Huwa għalhekk xieraq li jiġi speċifikat li l-limiti LTV japplikaw għall-porzjon tas-self li jikkontribwixxi għall-kopertura għall-bond kopert.

- (10) Sabiex tiġi żgurata aktar ċarezza, għandu jiġi speċifikat ukoll li l-limiti LTV huma applikabbli matul il-maturità kollha tas-self. L-LTV attwali jenħtieġ li ma jinbidilx iżda jibqa' fil-limitu ta' 80 % tal-valur tal-proprietà għal self residenzjali, u fil-limitu ta' 60 % tal-valur tal-proprietà għal self kummerċjali u bastimenti.
- (11) Sabiex titjieb aktar il-kwalità tal-bonds koperti li jirċievu t-trattament tal-kapital preferenzjali kif previst fl-Artikolu 129 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dak it-trattament preferenzjali jenħtieġ li jkun suġġett għal livell minimu ta' sovrakollateralizzazzjoni, jiġifieri livell ta' kollateral li jaqbeż ir-rekwiżiti tal-kopertura kif imsemmi fl-Artikolu 15 tad-Direttiva (UE) 20.../... [OP: Jekk jogħġbok daħħal referenza għad-Direttiva (UE) dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika tal-bonds koperti u li temenda d-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2014/59/UE]. Tali rekwiżit iservi l-għan li jimmitiga r-riskji l-aktar rilevanti f'każ ta' insolvenza jew riżoluzzjoni tal-emittent.
- (12) Wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 129(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 huwa li l-istituzzjoni ta' kreditu li tinvesti f' bonds koperti tirċievi ċerta informazzjoni dwar bonds koperti mill-inqas fuq bażi ta' kull sitt xhur. Ir-rekwiżiti ta' trasparenza huma parti indispensabbli ta' bonds koperti li jiżguraw livell uniformi ta' divulgazzjoni u li jippermettu lill-investituri li jwettqu l-valutazzjoni tar-riskju meħtieġa, li jtejbu l-komparabbiltà, it-trasparenza u l-istabbiltà tas-suq. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi żgurat li r-rekwiżiti ta' trasparenza japplikaw għat-tipi kollha ta' bonds koperti li jistgħu jinkisbu billi dawn ir-rekwiżiti jkunu stipulati fid-Direttiva (UE) 20.../... [OP: Jekk jogħġbok daħħal referenza għad-Direttiva (UE) dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti u li temenda d-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2014/59/UE] bħala karatteristika strutturali komuni ta' bonds koperti. Kif xieraq, għandu jitħassar l-Artikolu 129(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
- (13) Bonds koperti huma strumenti ta' finanzjament fuq perjodu ta' żmien twil u għalhekk jinħarġu b'maturità skedata ta' diversi snin. Huwa għalhekk meħtieġ li jkun żgurat li bonds koperti maħruġa qabel il-31 ta' Diċembru 2007 jew qabel [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] ma jiġux imfixkla. Sabiex jintlaħaq dak l-oġġettiv, bonds koperti maħruġa qabel il-31 ta' Diċembru 2007 jenħtieġ li jibqgħu eżentati mir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward ta' assi eliġibbli, sovrakollateralizzazzjoni u assi ta' sostituzzjoni. Barra minn hekk, bonds koperti oħra konformi mal-Artikolu 129 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u maħruġa qabel [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] jenħtieġ li jiġu eżentati mir-rekwiżiti ta' sovrakollateralizzazzjoni u assi ta' sostituzzjoni u jenħtieġ li jkomplu jkunu eliġibbli għal trattament preferenzjali kif stabbilit f'dak ir-Regolament sal-maturità tagħhom.
- (14) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi applikat flimkien ma' [OP: Jekk jogħġbok daħħal referenza għad-Direttiva (UE) dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika tal-bonds koperti u li temenda d-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2014/59/UE].

Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tal-qafas il-ġdid li jistabbilixxi l-karatteristiċi strutturali ta' ħruġ ta' bonds koperti u r-rekwiżiti emendati għal trattament preferenzjali, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi deferita biex tikkoinċidi mad-data li fiha l-Istati Membri jridu japplikaw id-dispożizzjonijiet li jittrasponu dik id-Direttiva.

(15) Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 575/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 129 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:

— il-frażi introduttorja tinbidel b'dan li ġej:

“Biex ikunu eliġibbli għat-trattament preferenzjali stabbilit fil-paragrafi 4 u 5, il-bonds koperti, kif imsemmija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 20xx/xxxx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*[OP: Jekk jogħġbok daħħal referenza għad-Direttiva (UE) dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti u li temenda d-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2014/59/UE], għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 3, 3a u 3b ta' dan l-Artikolu u għandhom jiġu kollateralizzati permezz ta' xi wieħed mill-assi eliġibbli li ġejjin:

* [OP, jekk jogħġbok daħħal referenza għad-Direttiva (UE) 20xx/xx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti u li temenda d-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2014/59/UE (ĠU C [...], [...], p. [...])].”;

— il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) skoperturi għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkwalifikaw għall-iskala 1 tal-kwalità tal-kreditu jew skala 2 tal-kwalità tal-kreditu kif stabbilit f'dan il-Kapitolu.”;

— fil-punt (d), jitħassar il-punt (ii);

— fil-punt (f), jitħassar il-punt (ii);

(ii) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Għall-finijiet tal-punt (c), tal-ewwel subparagrafu, l-iskoperturi kkawżati mit-trażmissjoni u l-ġestjoni tal-pagamenti tad-debituri ta', jew rikavati minn likwidazzjoni fir-rigward ta' self iggarantit permezz ta' proprjetajiet mirhuna tal-unitajiet superjuri jew titoli ta' dejn ma għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu tal-limiti msemmija f'dawk il-punti.”;

(iii) it-tielet subparagrafu jithassar;

(b) jiddaħħlu l-paragrafi 1a, 1b u 1c li ġejjin:

"1a. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, għandu japplika dan li ġej:

(a) għal skoperturi għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkwalifikaw għall-iskala 1 tal-kwalità tal-kreditu, l-iskopertura ma għandhiex taqbeż 15 % tal-ammont nominali ta' bonds koperti pendenti tal-istituzzjoni ta' kreditu emittenti;

(b) għal skoperturi għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkwalifikaw għall-iskala 2 tal-kwalità tal-kreditu, l-iskopertura ma għandhiex taqbeż 10 % tal-ammont nominali ta' bonds koperti pendenti tal-istituzzjoni ta' kreditu emittenti;

(c) għal skoperturi għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkwalifikaw għall-iskala 1 tal-kwalità tal-kreditu jew l-iskala 2, l-iskopertura ma għandhiex taqbeż 15 % tal-ammont nominali ta' bonds koperti pendenti tal-istituzzjoni ta' kreditu emittenti.

Dan il-paragrafu m'għandux japplika għall-użu ta' bonds koperti bħala kollateral eliġibbli kif permess skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 20xx/xxxx [OP: Jekk jogħġbok daħħal referenza għad-Direttiva (UE) dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika tal-bonds koperti u li temenda d-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2014/59/UE].

1b. Għall-finijiet tal-punt (d)(i) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, il-limitu ta' 80 % għandu jirreferi għall-porzjon tas-self li jikkontribwixxi għall-kopertura ta' obbligazzjonijiet marbuta mal-bond kopert u applikabbli matul il-maturità kollha tas-self.

1c. Għall-finijiet tal-punt (f)(i) u l-punt (g) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, il-limitu ta' 60 % għandu jirreferi għall-porzjon tas-self li jikkontribwixxi għall-kopertura ta' obbligazzjonijiet marbuta mal-bond kopert u għandu jkun applikabbli matul il-maturità kollha tas-self.”;

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Fil-każ ta' proprjetà immobbli li tikkollateralizza bonds koperti li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 208 għandhom jiġu ssodisfati.”;

(d) jiddaħħlu l-paragrafi 3a u 3b li ġejjin:

“3a. Minbarra li jkun kollateralizzati mill-assi eliġibbli elenkati fil-paragrafu 1, bonds koperti għandhom ikunu suġġetti għal livell minimu ta' 5 % ta' sovrakollateralizzazzjoni kif iddefinit fl-Artikolu 3(12) tad-Direttiva (UE) 20xx/xxx [OP: Jekk jogħġbok daħħal referenza għad-Direttiva (UE) dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika tal-bonds koperti u li temenda d-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2014/59/UE].

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-ammont nominali totali tal-assi kollha fil-pula ta' kopertura għandu jkun mill-inqas tal-istess valur tal-ammont nominali totali ta' bonds koperti pendenti (il-“prinċipju nominali”) u jikkonsisti f'assi eliġibbli kif stabbilit fil-paragrafu 1.

L-assi li jikkontribwixxu għal livell minimu ta' sovrakollateralizzazzjoni ma għandhomx ikunu suġġetti għal-limiti fuq id-daqs tal-iskopertura kif stipulat fil-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 u ma għandhomx jingħaddu f'dawn il-limiti.

L-awtoritajiet kompetenti maħturin skont l-Artikolu 18(2) tad-Direttiva (UE) 20xx/xxx [OP: Jekk jogħġbok daħħal referenza għad-Direttiva (UE) dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti u li temenda d-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2014/59/UE] jistgħu jiddeċiedu li japplikaw livell minimu iktar baxx għal sovrakollateralizzazzjoni għal bonds koperti sakemm jiġu sodisfati l-kundizzjonijiet segwenti:

(a) il-kalkolu ta' sovrakollateralizzazzjoni jkun ibbażat jew fuq mudell li jqis il-ponderazzjonijiet tar-riskju assenjati tal-assi jew mudell li fih il-valutazzjoni tal-assi tkun soġġetta għall-valur tas-self ipotekarju kif definit fl-Artikolu 4(1)(74);

(b) li l-livell minimu ta' sovrakollateralizzazzjoni ma jistax ikun inqas minn 2 % abbażi tal-prinċipju nominali.

3b. Assi eliġibbli msemija fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu inklużi fil-pula ta' kopertura bħala assi ta' sostituzzjoni kif definiti fl-Artikolu 3(11) tad-Direttiva (UE) 20xx/xxx [OP: Jekk jogħġbok daħħal referenza għad-Direttiva (UE) dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti u li temenda d-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2014/59/UE] għal assi primarji kif definiti fl-Artikolu 3(10) ta' dik id-Direttiva, suġġetti għal-limiti fuq il-kwalità tal-kreditu u d-daqs tal-iskopertura kif stipulat fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.”;

(e) il-paragrafi 6 u 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“6. Bonds koperti maħruġa qabel il-31 ta' Diċembru 2007 ma għandhomx ikunu suġġetti għar-rekwiżiti tal-paragrafi 1, 3, 3a u 3b. Huma jkunu eliġibbli għat-trattament preferenzjali skont il-paragrafi 4 u 5 sal-maturità tagħhom.

7. Bonds koperti maħruġa qabel [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ta' emenda] m'għandhomx ikunu suġġetti għar-rekwiżiti tal-paragrafi 3a u 3b. Huma jkunu eliġibbli għat-trattament preferenzjali skont il-paragrafi 4 u 5 sal-maturità tagħhom.”

(2) fil-punt (a) tal-Artikolu 416(2), il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(ii) huma bonds kif imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 20xx/xxxx [OP: Jekk jogħġbok daħħal referenza għad-Direttiva (UE) dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti u li temenda d-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2014/59/UE] għajr dawk li hemm referenza għalihom fil-punt (i) ta' dan il-punt;”;

(3) fl-Artikolu 425, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw il-flussi 'l ġewwa tal-likwidità tagħhom. Il-flussi 'l ġewwa b'limitu massimu tal-likwidità għandhom ikunu l-flussi 'l ġewwa tal-likwidità limitati għal 75 % tal-flussi 'l barra tal-likwidità. L-istituzzjonijiet jistgħu jeżentaw minn dan il-limitu flussi 'l ġewwa minn depożiti li jkunu saru ma' istituzzjonijiet oħra u li jikkwalifikaw għat-trattamenti stabbiliti fl-Artikolu 113(6) jew (7). L-istituzzjonijiet jistgħu jeżentaw minn dan il-limitu flussi 'l ġewwa tal-likwidità minn flejjes dovuti minn mutwatarji jew investituri ta' bonds relatati ma' self ipotekarju ffinanzjat minn bonds eliġibbli għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 129(4), (5) jew (6) jew b'bonds koperti kif stabbilit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 20xx/xxxx [OP: Jekk jogħġbok daħħal referenza għad-Direttiva (UE) dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti u li temenda d-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2014/59/UE]. L-istituzzjonijiet jistgħu jeżentaw flussi 'l ġewwa minn self promozzjonali li l-istituzzjonijiet ikunu għaddew. Suġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi individwali, istituzzjoni tista' teżenta parzjalment jew kompletament flussi 'l ġewwa meta l-fornitur ikun istituzzjoni prinċipali jew sussidjarja tal-istituzzjoni jew sussidjarja oħra tal-istess istituzzjoni prinċipali jew konness mal-istituzzjoni b'relazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 83/349/KEE.”;

(4) fil-punt (b) tal-Artikolu 427(1), il-punt (x) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(x) obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn titoli maħruġa li jikkwalifikaw għat-trattament stipulat fl-Artikolu 129(4) jew (5) jew kif imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 20xx/xxxx [OP: Jekk jogħġbok daħħal referenza għad-Direttiva (UE) dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti u li temenda d-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2014/59/UE];”;

(5) fil-punt (h) tal-Artikolu 428(1), il-punt (iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(iii) finanzjament (pass-through) minn bonds eliġibbli għat-trattament kif stipulat fl-Artikolu 129(4) jew (5) jew permezz ta' bonds kif imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 20xx/xxxx [OP: Jekk jogħġbok daħħal referenza għad-Direttiva (UE) dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti u li temenda d-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2014/59/UE];”;

(6) L-Artikolu 496 jitħassar;

(7) fil-punt 6 tal-ANNESS III, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) huma bonds kif imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 20xx/xxxx [OP: Jekk jogħġbok daħħal referenza għad-Direttiva (UE) dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti u li temenda d-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2014/59/UE] għajr dawk li hemm referenza għalihom fil-punt (b) ta' dan il-punt.”.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn [data minn meta l-Istati Membri jridu japplikaw id-dispożizzjonijiet li jittrasponu d-Direttiva (EU) .../... dwar il-kwistjoni ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti u li temenda d-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2014/59/UE].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President